

Brussell, 5 ta' Mejju 2022  
(OR. en)

8783/22

DRS 20  
ECOFIN 398  
EF 128

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	3 ta' Mejju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D081043/01
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju 17

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument D081043/01.

Mehmuż: D081043/01



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, **XXX**  
[...] (2022) **XXX** draft

**D081043/01**

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' **XXX****

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali  
tar-Rappurtar Finanzjarju 17**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

### li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju 17

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabbiltà<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008<sup>2</sup>, ġew adottati ċerti standards internazzjonali u interpretazzjonijiet li kienu fis-seħħ fil-15 ta' Ottubru 2008.
- (2) Fid-19 ta' Novembru 2021, permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/2036<sup>3</sup> il-Kummissjoni adottat l-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) 17 *Kuntratti tal-Assigurazzjoni* kif maħruġ mill-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IASB) f'Mejju 2017 u emendat minnu f'Ġunju 2020. Dak l-istandard għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023 'il quddiem. Applikazzjoni aktar bikrija hija permessa.
- (3) Fid-9 ta' Diċembru 2021, l-IASB ippubblika emenda oħra għall-IFRS 17. L-emenda għar-rekwiżiti ta' tranżizzjoni fl-IFRS 17 tippermetti lill-kumpaniji jegħlbu d-differenzi fil-klassifikazzjoni ta' darba ta' informazzjoni komparattiva tal-perjodu ta' rappurtar preċedenti mal-applikazzjoni inizjali tal-IFRS 17 u l-IFRS 9 *Strumenti Finanzjarji*.
- (4) Il-kopertura fakultattiva ta' klassifikazzjoni introdotta minn dik l-emenda tippermetti lill-kumpaniji jżidu l-utilità ta' informazzjoni komparattiva ppreżentata mal-applikazzjoni inizjali tal-IFRS 17 u l-IFRS 9. L-ambitu jkopri assi finanzjarji marbuta ma' obbligazzjonijiet tal-assigurazzjoni, li s'issa għadhom ma ġewx iddikjarati mill-ġdid għall-IFRS 9.
- (5) Wara konsultazzjonijiet mal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-emenda fl-IFRS 17 *Kuntratti tal-*

<sup>1</sup> ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 tat-3 ta' Novembru 2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabbiltà skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1).

<sup>3</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/2036 tad-19 ta' Novembru 2021 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabbiltà skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward tal-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju 17 (ĠU L 416, 23.11.2021, p. 3).

*Assigurazzjoni* tissodisfa l-kriterji għall-adozzjoni stipulati fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

- (6) Jenħtieġ għalhekk li r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 jiġi emendat skont dan.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju tal-Kontabilità,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1126/2008, l-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) 17 *Kuntratti tal-Assigurazzjoni* jiġi emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Il-kumpaniji jistgħu japplikaw l-emenda msemmija fl-Artikolu 1 biss mal-applikazzjoni inizjali tal-IFRS 17 *Kuntratti tal-Assigurazzjoni* u l-IFRS 9 *Strumenti Finanzjarji*.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula von der Leyen*